MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Numru. 114/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Jesmond J. Borg)

**vs.**

**Franky Cini**

**Illum 14 ta’ Marzu 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 114/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Franky Cini, ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, bin Victor u Maria Stella nee Vella, imwieled Rabat Ghawdex nhar l-1 ta’ April 1981, residenti 6, Redentur, Triq Ta’ Zaqi, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 10681G akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, nhar l-10 ta’ April

2010, kif ukoll matul is-sena ta' qabel, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta u Ghawdex;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu, skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D. nhar it-13 ta' Novembru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Rat l-ordni tal-Avukat Generali tad-9 ta' Awissu 2010[1] ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirtira t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

---
[1] *a fol.* 2 tal-process

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija (Dok. “JB 1”).

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li din giet rtirata mill-Prosekuzzjoni, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-Artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u Regolament 8 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab fid-dokument “JB 2” u tordna li dan isir taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------